Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# ĠIA' KUMPILAZZJONI NRU. 381/02: IL-PULIZIJA (SPETTUR HUBERT CINI, SPETTUR DORIETTE CUSCHIERI) V. CARLO (CARMEL HORACE) SCHEMBRI (ID. 385274M) U IVAN PACE MOORE (ID. 382370M)

(APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJU TAN-NON-RETROATTIVITA' GĦALL-LIĠI LI TIRREGOLA L-PRESKRIZZJONI – JEKK F'KAZ TA' REAT KONTINWAT GHANDUX JITTIEHED QIES TAZ-ZIEDA FIL-PIENA GĦALL-FINIJIET TA' PRSKRIZZJONI TAĦT L-ART. 689 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-akkużi maħruġa kontra Carlo (Carmel Horace) Schembri ta' 27 sena, iben Philip u Maria Carmela nee' Cuschieri, imwieled Pietà fit-22 ta' Awissu 1974, residenti fl-indirizz: 294, Astra Blgs., Flat 4, Triq Bwieraq, B'Kara, detentur tal-karta tal-identità numru 385274M u lvan Pace Moore ta' 31 sena, iben Victor u Lily nee' Caruana, imwieled Attard fit-30 ta' Awissu 1970, residenti fl-indirizz: 79/2 Triq Sant' Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identità numru 382370M (lkoll imsejjħa "l-imputati" jew "id-Difiża"),

wara li rat li fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2002 *inter alia* l-imputati waqt l-eżami tagħhom iddikjaraw li ma' kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja,[1]

[1] Fol 12, 13

wara li rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2002 sabiex il-kawża fil-konfront taż-żewġ imputati tiġi trattata bi proċedura sommarja,[2]

wara li rat li l-kawża kienet tħalliet *sine die* fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015,[3]

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat li permezz tar-rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2020 il-Prosekuzzjoni talbet li din il-Qorti tirriappunta din il-kawża, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti, [4]

wara li rat li fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 il-kawża reġgħet tħalliet *sine die*,[5]

wara li rat li permezz tar-rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2020 il-Prosekuzzjoni reġgħet talbet li din il-Qorti terġa tirriappunta din il-kawża, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti permezz tad-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2021,[6]

wara li rat li fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021, id-Difiża ssollevat l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imputazzjonijiet kollha u l-Qorti tatha żmien ġimgħatejn sabiex tressaq nota b'riferenzi in sostenn tal-eċċezzjoni msemmija u lill-Prosekuzzjoni sabiex tressaq nota responsiva entro ġimgħa min-notifika,[7]

wara li rat in-nota ta' riferenzi ppreżentata mid-Difiża fil-15 ta' Ġunju 2021,[8]

wara li rat li fis-seduta tal-lum 24 ta' Ġunju 2021 il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ddikjaraw li m'għandhom xejn x'iżidu fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni,

wara li fliet il-verbali u d-dokumenti l-oħra kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputati taħt arrest bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli fit-13 ta' Ġunju 2001 u f'dati oħra, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

---

[2] Fol 23
[3] Fol 118
[4] Fol 119a
[5] Fol 124
[6] Fol 125, 126
[7] Fol 136
[8] Fol 137

1. għamlu falsifikazzjonijiet fi skritturi kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu jew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li għamlu użu minn tali skritturi u ċioe numru ta' cheques tal-Bank of Valletta b'valur ta' madwar Lm2848 għad-detriment ta' Anthony Ferris u oħrajn. Dan bi ksur tal-artikoli 18, 183, 184, 185 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. iffalsifikaw ċedoli jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jiġbor depożitu jew rahan minn bank jew stabbiliment ieħor pubbliku. Jew aktar għamlu użu minn tali ċedoli jew dokumenti. U dan bi ksur tal-artikli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' madwar Lm2848 bi ħsara ta' ħaddieħor. U dan bi ksur tal-artikli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Din il-kawża rat il-bidu tagħha iżjed minn tmintax-il sena ilu u għaddiet minn taħt erba' ġudikanti differenti sakemm ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019. Iċ-ċirkustanzi u r-raġunijiet li wasslu għal dan id-dewmien kollu kienu varji u jinkludu żewġ seduti li ġew differiti minħabba theddida ta' bomba fl-edifiċju tal-Qorti u tnejn oħra minħabba l-effetti tal-pandemija tal-Covid-19, ħdax-il seduta li ġew differiti minħabba l-indisponibilita' tal-Prosekuzzjoni u tnax-il seduta li ġew differiti minħabba l-indisponibilita' ta' xi wieħed mill-imputati. Il-kawża marret *sine-die* u ġiet riappuntata f'żewġ okkażjonijiet differenti. Minn tlieta u erbgħin seduta, kien hemm tnejn biss li matulhom nstemgħu xi xhieda u filfatt mit-22 ta' Jannar 2003 'l quddiem ma' tressaq ħadd iżjed jixhed! Il-Qorti m'hijiex ser tidħol fuq min kien jew kienu l-perċimes wara din is-saga farseska iżda hija ironija kbira illi d-deċiżjoni li trid tieħu llum ġiet xprunata proprju minn dan id-dewmien

esaġerat fil-proċess ġudizzjarju, dewmien li qajla huwa aċċettabbli f'soċjetà demokratika mibnija fuq is-saltna tad-dritt.

3. Kif ġa ngħad, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021, id-Difiża ssollevat l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-Qorti sejra qabel xejn tgħaddi biex tqis liema huwa l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli għar-reati in deżamina.

**Il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli**

4. L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reati ipotezzati taħt l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (u għalkemm il-Prosekuzzjoni kkwotat ukoll l-Artikoli 185 u 186 dawn ma' jirrafiguraw imkien fir-reati addebitati lill-imputati):

*'183. Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn* ***<u>tlettax-il xahar sa erba' snin</u>****, bir-reklużjoni jew mingħajrha.'*

*'184. Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.'*

5. It-tieni imputazzjoni hija dwar ir-reati ravviżati taħt l-Artikoli 167(1) u 169 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'167. (1) Kull min jiffalsifika ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija* ***<u>minn tlettax-il xahar sa erba' snin</u>****, bir-reklużjoni jew mingħajrha.'*

*'169. Kull min xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena bħall-awtur.'*

6. It-tielet imputazzjoni hija dwar ir-reati ravviżati taħt l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

   *'308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn **sena sa seba' snin**.'*

   *'309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija **minn xahrejn sa sentejn jew il-multa**.'*

   *'310. (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu -*
   *...*
   *(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn **sitt xhur sa erba' snin** ...'*

7. Finalment huwa applikabbli ukoll l-Art. 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-imputati ġew mixlija li fl-aġir tagħhom wettqu diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda:

   *'18. Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena **tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi**.'*

8. Fir-rigward tal-perjodu ta' preskrizzjoni li huwa applikabbli, l-Art. 688 tal-Kap. 9 jipprovdi kif ġej:

   *'688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -*

   *(a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;*

*(b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;*
*(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;*

*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*

*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.'*

9. L-Artikolu 689 tal-Kap. 9 imbagħad jipprovdi li:

*'689. Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva'*

10. Fil-ġurnata tal-lum, ir-reati li huma addebitati lill-imputati huma suġġetti għall-perjodu ta' preskrizzjoni segwenti:

| | Massimu tal-piena stabbilita | Perjodu ta' preskrizzjoni |
|---|---|---|
| L-ewwel imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 183 u kemm taħt l-Art. 184: 4 snin priġunerija | 10 snin |
| It-tieni imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 167(1) u kemm taħt l-Art. 169: 4 snin priġunerija | 10 snin |
| It-tielet imputazzjoni | Art. 308: 7 snin priġunerija.<br><br>Art. 309: Sentejn priġunerija.<br><br>Art. 310(1)(a): Disa' snin priġunerija. | 10 snin<br><br>5 snin<br><br>15-il sena |

11. L-Art. 689 fuq imsemmi però jsemmi biss ir-reċidiva u mhux ukoll ir-reat kontinwat bħala ż-żieda fil-piena li tagħha l-Qorti m'għandiex tieħu qies għall-effetti tal-preskrizzjoni. Fuq dan il-punt il-Qrati tagħna ma' addottawx posizzjoni waħda konsistenti u kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Charlot Caruana**" (App. Nru. 204/2019 CSH, 07/07/2020):

*"teżisti nuqqas ta' kjarita fl-artikolu 689 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk f'kaz ta' reat kontinwat ghandux jittiehed qies taz-zieda fil-piena meta jigi kkunsidrat liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli."*

F'din l-istess sentenza l-Qorti qalet hekk:

*"...tezisti gurisprudenza li tipprovdi li l-artikolu 689 tal-Kapitolu 9 huwa car fis-sens li ma ghandux jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba r-recediva li jfisser li a contrario sensu la darba l-legislatur ma jsemmix li ma ghandux jigi kkunsidrat iz-zieda fil-piena f'reati kontinwati ifisser li tali zieda ghandha tittiehed in konjizzjoni sabiex jigi stabbilit liema perjodu ta' preskrizzjoni japplika[9]. Minn naha l-ohra tezisti gurisprudenza li qieset in-nuqqas ta' kjarita f'din id-disposizzjoni u li ghalhekk strahet fuq il-fatt li d-disposizzjoni tipprovdi li ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett u li ghalhekk interpret dan li jfisser li ai fini ta' preskrizzjoni ma jittiehdux cirkostanzi li jistghu iżidu l-piena mill-piena originali tar-reat."*

Il-Qorti fis-sentenza ċitata għaddiet biex tabbraċja l-interpretazzjoni iżjed favorevoli għall-imputat u ċioe li ż-żieda fil-piena minħabba l-kontinwita' ta' reat m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' preskrizzjoni.

12. Il-Qorti hija iżjed propensa sabiex tapplika l-prinċipju illi ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit***. Li jfisser li darba l-leġislatur għoġbu jikkwalifika l-kliem *"li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett"* billi daħħal ukoll l-kunċett li m'għandux "*jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva"* u ma' semmiex speċifikament każijiet oħra fejn jista' jkun hemm żieda fil-piena (bħal fil-każ ta' reati kontinwati taħt l-Art.

---

[9] Ara pereżempju "**Il-Pulizija v. Victor Pisani**" (Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Numru 261/1989 NGS, 30/09/2013), "**Il-Pulizija v. Joseph Debono**" (Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Numru 557/1996 NGS, 18/10/2013) u **"The Police v. Omissis"** (Appell numru: 360/2015, 29/10/2018)

18), allura ma' kellux l-intenzjoni li jeskludi tali żidiet mill-kunsiderazzjoni tal-Qorti għall-finijiet tal-preskrizzjoni.

13. Għalhekk li kieku l-Qorti kellha tapplika l-liġi li hija *in vigore* llum il-ġurnata, l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli kien ikun kif ġej:

| | Massimu tal-piena stabbilita | Perjodu ta' preskrizzjoni |
|---|---|---|
| L-ewwel imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 183 u kemm taħt l-Art. 184: 4 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 6 snin | 10 snin |
| It-tieni imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 167(1) u kemm taħt l-Art. 169: 4 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 6 snin | 10 snin |
| It-tielet imputazzjoni | Art. 308: 7 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 10 snin.<br><br>Art. 309: Sentejn priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 4 snin.<br><br>Art. 310(1)(a): Disa' snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi għoxrin sena. | 15-il sena<br><br>10 snin<br><br>20 sena |

14. Madanakollu kif jingħad fl-Artikolu 27 tal-Kap. 9:

*"27. Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."*

15. Il-Qorti għalhekk trid tara x'kienet sewwasew il-piena applikabbli għar-reati in kwistjoni fid-data ta' meta allegatament seħħew ir-reati. L-aħħar data ta' meta setgħu seħħew dawn ir-reati kienet dik tat-13 ta' Ġunju 2001. Jekk il-piena applikabbli f'tali data kienet waħda iżjed favorevoli għall-imputat allura għandha tkun dik il-piena li tapplika llum il-ġurnata. Fil-ġurnata msemmija, ir-reati addebitati lill-imputati kienu suġġetti għall-pieni u għall-perjodu ta' preskrizzjoni segwenti:

| | Massimu tal-piena stabbilita | Perjodu ta' preskrizzjoni |
|---|---|---|
| L-ewwel imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 183 u kemm taħt l-Art. 184: 4 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 6 snin | 10 snin |
| It-tieni imputazzjoni | Kemm taħt l-Art. 167(1) u kemm taħt l-Art. 169: 4 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 6 snin | 10 snin |
| It-tielet imputazzjoni | Art. 308 – sena priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi sentejn.<br><br>Art. 309: tlett xhur li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi 4 snin.<br><br>Art. 310(1)(a) – 3 snin priġunerija li b'żieda massima ta' żewġ gradi tiġi ħames snin. | 5 snin<br><br>Sentejn<br><br>10 snin |

16. Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis minn meta beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli.

**Minn meta beda jiddekorri l-perjodu tal-preskrizzjoni**

17. Skond il-liġi viġenti illum il-ġurnata:

*'687 (2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.'*

18. Dan is-subartikolu daħal fis-seħħ permezz tal-Att III tal-2002 fid-9 ta' April 2002. Mill-atti tal-proċess jirriżulta illi l-ewwel darba li l-imputat Carlo Schembri ġie

notifikat bil-kawża kien fil-21 ta' Mejju 2002.[10] Fl-ewwel seduta, ċioe dik tal-21 ta' Ġunju 2002, deher l-imputat l-ieħor Ivan Pace Moore u b'hekk dik kienet l-ewwel ġurnata li dan l-imputat jista' jitqies bħala li kien notifikat bl-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Dan ifisser illi l-ewwel darba li l-imputati ġew notifikati bl-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom kien diġa daħal fis-seħħ l-Att III tal-2002 u allura kien diġa beda japplika l-Art. 687(2) li kif għedna jipprovdi illi l-preskrizzjoni tiġi sospiża minn meta l-imputazzjoni tiġi notifikata lill-imputat sal-ġurnata li tingħata sentenza li tkun *res judicata.*

19. Il-punt kruċjali f'dan kollu huwa jekk il-Qorti għandiex taċċetta l-argument imqajjem mid-Difiża fin-nota ta' riferenzi tagħha[11] li għandha tapplika l-liġi ta' preskrizzjoni li kienet in vigore fid-data ta' meta allegatament ġew kommessi r-reati addebitati lill-imputati (ċioe l-aħħar data indikata fiċ-ċitazzjoni, 13 ta' Ġunju 2001) u mhux id-data ta' meta l-imputati ġew notifikati bl-imputazzjonijiet. Jekk il-Qorti taċċetta l-argument tad-Difiża u tapplika l-liġi ta' preskrizzjoni li kienet applikabbli fit-13 ta' Ġunju 2001, ikun ifisser illi ma' tkunx tista' tqis l-Art. 687(2) peress li dan ma' kienx jeżisti dakinhar, iżda minflok tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 693(1) li jipprovdi biss li ż-żmien ta' preskrizzjoni jiġi interrott (u mhux sospiż) b'kull att tal-proċediment li jiġi nnotifikat lill-imputat dwar il-fatt li għalih ikun imputat. Issa peress illi kif ser jingħad iżjed 'l quddiem, l-imputati ma' dehru għall-ebda seduta mid-9 ta' Marzu 2009 sat-22 ta' Frar 2021 u mill-proċess ma' jirriżultax illi f'dak il-perjodu ġew notifikati b'xi atti jew li nħareġ xi mandat ta' arrest fil-konfront tagħhom, isegwi għaldaqstant illi jekk il-Qorti taċċetta l-argument tad-Difiża, l-imputazzjonijiet kollha jiġu meqjusa bħala li ġew preskritti bit-trapass ta' żmien.

20. F'dan ir-rigward, kif sew qalet id-Difiża fin-nota tagħha, il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu dwar Proċedura Kriminali jgħid hekk dwar sitwazzjoni bħal din:

*"The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances, i.e.:*

---

[10] Fol 7
[11] Fol 137

*(i) that the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;*
*(ii) that nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant."*

21. Dan l-insenjament tal-Professur Mamo għamlitu tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet: "**Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia**" (App. Nru. 497/12 DS, 7/12/2016). F'din il-kawża, b'differenza minn dik odjerna, ċ-ċitazzjoni kienet ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002. Filfatt kienet ġiet ippreżentata fl-1993 u dan dwar reati allegatament kommessi fl-1991 u fl-1992. Wara li kkwotat lil Professur Mamo, sewwasew il-bran fuq imsemmi, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

    *"Bħalma anke jaċċetta l-Avukat Ġenerali il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien ta' l-allegati reati hija l-liġi l-aktar favorevoli għall-appellat (allura imputat). Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk tul is-snin il-preskrizzjoni nkisritx kif jgħid is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali."*

    Ġara li l-imputat appellat kien deher quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Marzu 2002 u baqa' ma' deherx sas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012 (inkluż tali seduta) meta imbagħad l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-każ kien waqa' preskritt. L-appellat ġie biss notifikat fl-20 ta' Settembru 2013 bir-rikors ta' appell u l-avviż għas-smigħ ta' l-appell. Peress li bejn dawn iż-żewġ dati laħqu ddekorrew ħdax-il sena sitt xhur u ħmistax-il ġurnata, il-Qorti ddikjarat illi l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni waqgħet preskritta.

22. Fis-sentenza fl-ismijiet: "**Il-Pulizija v. Joseph Grima**" (Qorti tal-Appell Kriminali, 02/05/1994), il-Qorti qalet hekk:

    *"9. F'materja kriminali, ghall-inqas, il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola, ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tigi applikata hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi żmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-ligi precedenti kinitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.*

*10. Il-ligi sostanzjali, ghall-kuntrarju, bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat.*
*11. Fil-Kodici Kriminali, l-preskrizzjoni hija trattata fit-Tieni Ktieb intestata "Ligijiet ta' Procedura Kriminali." Ghalhekk jidher li l-ligi dwar il-preskrizzjoni ghandha titqies bhala ligi procedurali. Apparentement allura, a tenur tar-regola generali premessa fil-paragrafi 9 u 10 hawn fuq, kwantu ghall-preskrizzjoni ghandha tigi applikata l-ligi fis-sehh fi zmien il-procediment, anki retroattivament a rigward reat kommess f'data preċedenti li fiha kienet in vigore ligi ohra.*

*12. B'danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta' dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub. Ghalhekk fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat ...*

*14. Din il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni (tal-Professur Anthony Mamo) anke ghaliex thoss li ... hija konkordi mal-volonta` tal-legislatur espressa fl-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jghid li jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fizzmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar irreat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena lanqas gravi. Ovvjament u "a fortiori", jekk skond xi wahda minn dawn il-ligijiet, l-att ta' l-imputat ma jkun soggett ghal ebda piena, ebda piena allura ma ghandha tinghata".*

23. Din il-posizzjoni tidher li ġiet addottata b'mod pjuttost konsistenti mill-Qrati tagħna [12] u l-Qorti tikkondividiha b'mod sħiħ.

24. Għalhekk il-Qorti tqis li hija m'għandiex tieħu in konsiderazzjoni l-Art. 687(2) għall-finijiet tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni stante illi din ma' kienetx teżisti fiż-żmien li allegatament l-imputati wettqu r-reati addebitati lilhom.

---

[12] Ara fost oħrajn **"Il-Pulizija v. Joseph Debono"** (Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Nru 557/1996 NGS, 18/10/2013) u "**Il-Pulizija v. Dimitrius Catania**" (Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Nru: 571/2001 JD, 08/10/2018)

25. Kif diġa ingħad iżjed 'l fuq f'din is-sentenza, l-imputati ma' dehru għall-ebda seduta mid-9 ta' Marzu 2009 sat-22 ta' Frar 2021 u mill-proċess ma' jirriżultax illi f'dak il-perjodu ġew notifikati b'xi atti jew li nħareġ xi mandat ta' arrest fil-konfront tagħhom. B'mod kronoloġiku, wara s-seduta tad-9 ta' Marzu 2009 fejn dehru ż-żewġ imputati, kien hemm tnax-il seduta li matulhom l-imputati ma' dehrux sakemm fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 il-Qorti għamlitha ċara li kienet qed tagħti l-aħħar differiment qabel ma' titfa l-kawża *sine die*.[13] Fil-11 ta' Marzu 2015 reġa ma' deher ħadd u għalhekk il-Qorti ddiferiet il-kawża *sine die.*[14] Sa' dakinhar kienu ġa għaddew iżjed minn sitt snin mill-aħħar dehra tal-imputati u matul tali perjodu l-istess imputati ma' kienux ġew notifikati b'xi atti u lanqas ma' inħareġ xi mandat ta' arrest kontrihom. Għalhekk f'dak l-istadju parti mit-tielet imputazzjoni, u ċioe dik li tirrigwarda l-Art. 308 u l-Art. 309 kienet diġa preskritta. Sussegwentement meta l-kawża ġiet riappuntata minn din il-Qorti kif presjeduta għat-12 ta' Novembru 2020[15], laħqu għaddew iżjed minn għaxar snin mill-aħħar dehra tal-imputati u allura l-imputazzjonijiet kollha ġew preskritti f'dak l-istadju. Meta eventwalment l-imputati dehru quddiem din il-Qorti kif presjeduta, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, kien laħqu għaddew kważi tnax-il sena mill-aħħar dehra tagħhom.

**Deċiżjoni**

26. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha preskritta fil-konfront taż-żewġ imputati u għalhekk tilliberahom minn kull imputazzjoni u ħtija.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

[13] Fol 114
[14] Fol 118
[15] Fol 124